# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2002**

**Numru 21**

**Avviz numru 444/02**

**KD Commercials Co. Ltd**

**vs**

**Mario Caruana**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm500 (hames mitt lira maltin) (Vat eskluza) rapprezentanti prezz ta' magna tat-tip Leyland liema magna giet debitament konsenjata u accettata.

Il-konvenut ma hallasx xejn minn dan l-ammont.

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan id-debitu huwa baqa' inadempjenti.

Il-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur s-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) unita ma hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) taxxa fuq il-valur mizjud.

Il-konvenut ihallas l-imghaxijiet skond il-ligi minn Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja spedita fl-24 ta' Jannar 2002.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Sema' ix-xhieda.

Peress illi l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta.

It-Tribunal jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) unita ma Lm75 (taxxa fuq il-valur mizjud) rapprezentanti biegh ta' magna tat-tip Leyland.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**